**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 101/2021**

**ZT u TT rispettivament**

**(l-ilmentaturi/l-ilmentatrici)**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**(il-provditur tas-servizz/il-Bank/BOV)**

**Seduta tal-10 ta' Mejju 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**[1] fejn l-ilmentaturi jissottomettu illi l-ilmentatrici kienet impjegata tal-*Bank of Valletta plc* u, bejn Settembru XXXX sas-sena XXXX, kienet fil-*Branch* ta' *XXXXX* u fil-fergha ta' XXXXXXXX bejn l-XXXX u l-XXXX.

Illi fit-23 t'April 1990, iddepozitat kaxxa fis-*Safe Custody* tal-fergha ta' *XXXX* fejn kienet tahdem. Inghatat ricevuta bin-numru A202/XX. Ftit wara, izda, l-ilmentatrici (ma tafx meta ezatt), poggiet kaxxa ohra fis-*Safe Custody.* Ma inghatatx ricevuta ghal din l-ahhar kaxxa u hi hasbet li l-ewwel ricevuta kienet tkopri z-zewg kaxxi.

L-ahhar kaxxa li ddepozitat kienet kbira, bejn wiehed u iehor, 16x7x10 pulzier u mkebba f'karti sofor bl-ismijiet u l-indirizzi taghhom miktuba b'*gem marker* iswed.

Fost affarijiet ohra, din il-kaxxa kien fiha muniti tal-fidda u muniti antiki, u deheb li qalghu it-tfal bhala rigali.

[1] Pagna (P.) 4

Fil-15 ta' Mejju 2021, ircevew ittra mill-BOV fejn infurmawhom biex jaghmlu appuntament u jigbru l-kontenut li kellhom fis-*Safe Custody Box* ghaliex il-Bank ma kienx ser jibqa' joffri dan is-servizz. Ghamlu appuntament ghall-25 ta' Mejju 2021, u l-ilmentaturi marru flimkien il-Bank. Zewg impjegati tal-Bank haduhom isfel fil-*vaults* u tawhom kaxxa wahda. Huma kienu ixxukkjati kif ma inghatatilhomx il-kaxxa l-ohra. Il-kaxxa li tawhom kienet issiggillata u bin-numru 000XXXX7. L-impjegati tal-Bank insistew li ma kienx hemm kaxxi ohra. L-ilmentaturi tkellmu mal-*Branch Manager* li qalilhom jiktbu ittra ta' ilment.

Jallegaw li l-kaxxa taghhom bilfors haduha xi membri ta' l-i*staff* ghaliex m'hemmx spjegazzjoni ohra.

Bhala rimedju qed jitolbu kumpens ta' €5,000.[2]

**Ra r-risposta[3]** tal-provditur tas-servizz li tghid:

**A. Ghaliex dan l-ilment ma jistax jigi milqugh**

L-esponenti jirrispondi illi t-talbiet tal-ilmentaturi ma jistghux jintlaqghu ghar-ragunijiet segwenti u kif ser jirrizulta f'aktar dettall f'din ir-risposta:

1. Fl-ewwel lok, il-Bank jirriserva illi kwalunkwe depozitu li allegatament sar mal-Bank, jibqa' dejjem ghar-riskju wahdieni tal-klijent u, ghalhekk, il-Bank ma jista' qatt jinzamm responsabbli ghal kwalunkwe allegat telf jew hsara fir-rigward ta' tali depozitu. Dan jirrizulta mis-*Safe Custody Agreement*[4] li jirregola r-relazzjoni bejn il-Bank u l-ilmentaturi u li huwa datat 23 t'April 1990, partikolarment, minn klawsola numru 1(i), li tghid hekk:

   *i) The Bank is not responsible:*
   - *For the loss/damage of the contents;*
   - *To insure the contents.*

   Inoltre, il-Bank qatt ma kellu u qatt ma seta' kellu, informazzjoni fuq il-kontenut tal-kaxxa li giet depozitata mal-Bank u dan kif tixhed klawsola numru 1(iii) tas-*Safe Custody Agreement* li tghid:

[2] P. 4
[3] P. 23-25
[4] Ara kopja tas-*Safe Custody Agreement*, hawn annessa u mmarkata bhala **Dok 'A'**.

*iii)* *The Bank maintains no knowledge of the contents, which are held on the account and at the sole risk of the customer.*

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll illi l-ftehim surreferit ikopri biss id-depozitu ta' kaxxa wahda. F'dan il-kaz, kif jirrizulta mill-ftehim surreferit, tali ftehim kien jirrelata mal-kaxxa ta' depozitu b'numru ta' referenza XXXX/XX. Li kieku, kif allegat mill-ilmentaturi, sar xi depozitu addizzjonali, tali depozitu kien isir ai termini ta' ftehim iehor addizzjonali (bl-istess termini u kundizzjonijiet kif sucitati) iffirmat mill-partijiet u tali kaxxa (addizzjonali) ta' depozitu kienet ukoll tinghata numru differenti. Dan jirrizulta wkoll fi klawsola numru 3 tal-istess ftehim surreferit fejn jinghad illi '*no partial lodgement/withdrawal is allowed.*' Anke ghalhekk dak allegat mill-ilmentaturi ma jistax ikollu mis-sewwa. Il-Bank ma jistax jifhem kif l-ilmentaturi qed jghidu li donnhom assumew li l-allegat *Safe Custody Deposit* sussegwenti kien kopert mill-ftehim pecedenti (Dok A anness mar-risposta) u dan izjed u izjed meta l-ilmentatrici stess *ex admissis* kienet impjegata mal-Bank dak iz-zmien.

## B. Il-Fatti

3. Fit-23 t'April 1990, l-ilmenaturi, cioè, il-konjugi TT, dahlu f'*Safe Custody Agreement* permezz ta' liema huma ddepozitaw kaxxa mal-Bank li skont l-ilmentaturi kienet tikkontjeni diversi affarijiet maghmulin mid-deheb u li kienu ta' valuri differenti. Dan ghamluh skont is-servizz ta' *Safe Custody Service* li kien qieghed joffri l-Bank dak iz-zmien. Il-kaxxa tal-konjugi TT giet allokata n-numru XXXX/XX li sussegwentement giet allokata n-numru 00XXXX01 meta r-*records* tal-Bank gew trasferiti f'*database* gdida. Din kienet l-unika kaxxa li l-Bank kellu fir-*records* tieghu li tirrelata mal-konjugi TT.

4. Fil-5 ta' Mejju 2021, il-Bank baghat ittra lill-klijenti kollha tieghu li kienu jaghmlu uzu minn dan is-servizz biex jinfurmahom illi dan is-servizz ta' *Safe Custody* kien ser jigi tterminat u li l-klijenti ghandhom jiffissaw appuntament mal-Bank biex imorru jigbru dawk l-affarijiet li kienu ddepozitaw. Il-konjugi TT rcevew din l-ittra u, sussegwentement, fil-25

ta’ Mejju 2021, marru l-Bank u ffirmaw *Termination Agreement*[5] sabiex ikunu jergghu jistghu jiehdu hwejjighom lura.

5. Waqt l-appuntament, il-konjugi TT insistew li huma kienu iddepozitaw kaxxa ohra, izda l-impjegati tal-Bank prezenti ghamluha cara li l-Bank kellu biss kaxxa wahda fil-pussess tieghu u dan dejjem skont is- *Safe Custody Agreement* surreferit.

6. Ftit taz-zmien wara, l-Bank ircieva ittra minghand il-konjugi TT fejn huma formalment ilmentaw fuq il-fatt li ftit taz-zmien wara t-23 t’April 1990, meta kienu ddepozitaw l-ewwel kaxxa fis-*Safe Custody Service,* u cioè, l-kaxxa bin-numru XXXX/XX, huma kienu ddepozitaw kaxxa ohra. L-ilmentaturi *ex admissis* jghidu li qatt ma kellhom dokumentazzjoni li tirrelata ma’ din il-kaxxa u minflok jghidu biss li huma kienu hasbu li l-ftehim li sar fir-rigward tal-kaxxa bin-numru XXXX/XX kien ikopri din it-tieni kaxxa allegatament iddepozitata. Fl-istess ittra, l-ilmentaturi jipprocedu biex jaghmlu certi allegazzjonijiet serji, izda infondati, kontra numru ta’ impjegati li kienu u/jew ghadhom jahdmu mal-Bank esponenti. Kif ukoll jaghmlu stima finanzjarja tal-oggetti li allegatament iddepozitaw sussegwentement u dan kollu minghajr hjiel ta’ prova.

7. Il-Bank irrisponda lill-ilmentaturi permezz ta’ ittra datata 18 ta’ Gunju 2021,[6] fejn il-Bank ikkonferma illi skont ir-*records* tieghu mizmuma minnu, l-unika kaxxa depozitata mal-Bank kienet dik bin-numru XXXX/XX u liema kienet regolata bil-ftehim surreferit.

## C. Konkluzjonijiet

1. Il-Bank umilment jissottometti illi l-ilment ghandu jigi michud.

2. L-esponenti jirriserva d-dritt illi jressaq xhieda orali u dokumentarji sabiex isostni l-eccezzjonijiet tieghu fuq il-fatti fuq imsemmija, kif ukoll jaghmel sottomissjonijiet, kemm orali kif ukoll bil-miktub, a tenur tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Bl-ispejjez u b’riserva wkoll ghal kull rimedju u/jew azzjoni ohra spettanti lilu skont il-ligi.

---

[5] Kopja tat-*Termination Agreement* hawn annessa u mmarkata **Dok ‘B’**.
[6] Dok ‘5’ anness mal-ilment

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[7]**

Dan huwa kaz fejn l-ilmentaturi jsostnu li kaxxa li kien fiha hwejjeg prezzjuzi, bhal deheb u muniti, li kienet depozitata fis-*Safe Custody Service* tal-Bank insterqitilhom ghaliex meta marru jigbruha mill-Bank din ma inghatatilhomx flimkien ma' kaxxa ohra li kienu iddepozitaw qabel.

Min-naha tieghu, il-Bank jghid illi kieku l-ilmentatrici iddepozitat it-tieni kaxxa suppost kellha ricevuta taghha kif kellha tal-ewwel kaxxa li ddepozitat. Il-Bank jinsisti li hu m'ghandux prova li l-ilmentatrici verament iddepozitat it-tieni kaxxa, u l-ftehim li kien hemm dak iz-zmien ghal dan is-servizz jezonerah minn kull responsabbiltà.

**Konsiderazzjonijiet ohra**

Ghalhekk l-Arbitru ghandu zewg verzjonijiet li jrid jiddeciedi dwarhom skont kriterji stabbiliti dwar evalwazzjoni ta' provi.

*Il-Grad tal-Prova*

Huwa fatt stabbilit u rikonoxxut minn kulhadd li min iressaq ilment irid jippruvah billi jressaq provi konvincenti li jikkonvincu lill-Arbitru jaccetta l-istess ilment.

Ghalkemm, skont il-Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru inghata d-diskrezzjoni li jiddeciedi, din id-diskrezzjoni trid tintuza bil-qies, skont il-fatti li jkollu quddiemu u b'mod li d-decizjoni li jasal ghaliha jkun moralment konvint minnha u tkun gusta.

[7] KAP. 555, Art. 19(3)(b)

L-Arbitru jista' jaghmel biss evalwazzjoni tal-provi mressqa quddiemu billi jara il-veracità taghhom. Meta ssir din l-evalwazzjoni tal-provi, l-Arbitru jrid jaghti r-ragunijiet ghal dak li jkun iddecieda.

Min jallega jrid jipprova tal-anqas sal-grad ta' probabbilità. Filwaqt li c-certezza hija xi ftit skarsa, il-grad tal-probabbilità huwa possibbli, tant li jitqies il-kriterju stabbilit fil-qasam civili. Bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza tohrog mill-bilanc tal-probabbiltajiet. Il-gudikant ma jistax jistrieh biss fuq semplici possibiltajiet.

Ghalhekk l-Arbitru ser jezamina l-provi li tressqu quddiemu u jrid jara jekk l-ilmentaturi gabux provi bizzejjed biex jikkonvincuh moralment li verament iddepozitaw zewg kaxxi flok wahda fis-*Safe Deposit Service* tal-Bank u jekk verament insterqitilhomx it-tieni kaxxa kif tallega l-ilmentatrici.

**Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi**

L-ilmentatrici xehdet[8] illi hija kienet tahdem il-Bank u kienet hadet kaxxa fis-*Safe Custody* tal-Bank u tawha dokument li ma kienx iffirmat mill-BOV. Imbaghad, ftit wara, li ma tiftakarx meta, hi u zewgha hadu kaxxa ohra. Ta' din il-kaxxa ma tawhiex ricevuta.

Ma tistax tghid ma' min hallietha l-kaxxa ghax ma tiftakarx. Tghid li kienet kaxxa kbira u mkebba f'karta safra b'isimha u l-indirizz taghha indikat b'*felt pen* sewda. Din il-kaxxa hallietha fis-*Safe Custody.* Din il-kaxxa hallewha hemm ghax ma kellhiex bzonnha. Kien fiha dehebijiet, fidda u affarijiet ohra. Huma hadu l-affarijiet il-Bank ghax dak iz-zmien kienu minghajr bieb ta' barra ghax kienu qed jirrangaw id-dar.

Peress li l-Bank ma baqax joffri dan is-servizz ta' *Safe Custody*, il-Bank baghat ghalihom biex jiehdu l-kontenut li kien hemm fis-*Safe Deposit Box* taghhom.

'*Ahna morna ghall-kaxxi u tawna kaxxa wahda biss. Qalulna li l-ohra ma kinetx qieghda hemm'.*[9]

Dwar dettalji ta' meta hadet it-tieni kaxxa xehdet hekk:

[8] P. 31-32
[9] P. 32

*'Nghid li jien ma zammejtx dati ta' meta hadt il-kaxxi. Zammejt nota tal-affarijiet li poggejt fihom. In-nota bghattha mal-ilment. Ma fihiex dati u poggejt li qaghdu fiha'.*[10]

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Fir-risposta tieghu, il-Bank jaghmel accenn ghas-*Safe Custody Agreement* li jirregola r-relazzjoni bejn il-Bank u l-ilmentaturi u li jgib id-data tat-23 t'April 1990, u jghid li skont dan il-ftehim il-Bank ma jkunx responsabbli ghar-riskju li jgarrab il-klijent ghaliex il-ftehim jaghmilha cara li:

*i)* *The bank is not responsible*
*- For the loss/damage of the contents*
*- To insure the contents.*

Barra minn hekk, il-Bank qatt ma kellu taghrif tal-kontenut tal-kaxxa ghaliex l-istess *Agreement* jaghmilha cara li l-Bank mhux intitolat ikun jaf x'fiha l-kaxxa.

Il-Bank isostni li hu kellu ftehim wiehed biss mal-ilmentaturi u dan kien dwar kaxxa wahda. Tali ftehim kien jirrelata mal-kaxxa ta' depozitu bin-numru XXXX/XX. Li kieku sar xi depozitu addizzjonali, tali depozitu kien isir *ai termini* ta' ftehim iehor addizzjonali iffirmat mill-partijiet u tali kaxxa (addizzjonali) ta' depozitu kienet ukoll tinghata numru differenti.

Dan jirrizulta wkoll fi klawsola 3 tal-istess *Safe Custody Agreement* fejn jinghad illi '*no partial lodgement/withdrawal is allowed.'* Ghalhekk, dak allegat mill-ilmentaturi ma jistax ikollu mis-sewwa ghaliex ma jistax ikun li l-ilmentaturi fehemu li setghu jaghmlu depozitu addizzjonali fl-ewwel kaxxa meta dan proceduralment ma setax isir. U l-ilmentatrici messa tkun taf dan ghaliex dak iz-zmien kienet impjegata tal-Bank.

Il-Bank ikompli jghid li mir-*records* tieghu, l-ilmentaturi kellhom biss kaxxa wahda. Illi meta l-ilmentaturi marru jiehdu l-kontenut tal-kaxxa, insistew li kellhom kaxxa ohra izda l-impjegati tal-Bank ghamluha cara maghhom li l-Bank kellu biss kaxxa wahda fil-pussess tieghu, u dan dejjem skont is-*Safety Custody Agreement* 'il fuq imsemmi.

[10] *Ibid.*

L-ilmentaturi jammettu li qatt ma kellhom dokumentazzjoni li tirrelata mat-tieni depozitu li jghidu li ghamlu u l-Bank jinsisti li huma kellhom biss kaxxa wahda kif koperta bil-ftehim li kien hemm bejniethom kif sottomess aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.

**Konsiderazzjonijiet ohra**

Fix-xiehda taghha quddiem l-Arbitru, l-ilmentatrici ma tghidx ezatt meta hadet it-tieni kaxxa. Ukoll ma tistax tghid ma' min hallietha din il-kaxxa.

Dwar id-depozitu tat-tieni kaxxa tammetti li ma kellhiex ricevuta bhalma kellha ghall-ewwel kaxxa. Tghid li kienet tahdem fl-istess fergha tal-Bank fejn iddepozitat it-tieni kaxxa, u waqt il-*break* kienet tithallat mal-i*staff*. Mistoqsija galadarba kienet tahdem mal-i*staff* tal-Bank ghalfejn ma staqsietx ghal ricevuta tat-tieni kaxxa, hi ssostni li '*Ma gietnix f'mohhi'.*[11] Tghid li l-kaxxa hallietha ma' persuna li lanqas tiftakar min kienet.

Zewg l-ilmentatrici xehed li:[12]

*'Nghid li kienet qaltli li ser tiehu dawn il-kaxxi u rajtha taghmilhom. Wassaltha sal-bieb ghax ma kinux hfief. Li nista' nahlef jien hu li hadithom, wassaltha sal-bieb u dahlet bihom. Il-bqija l-kumplament li qalet il-mara'.*

Din ix-xhieda wkoll taghti wiehed x'jifhem li l-ilmentatrici hadet iz-zewg kaxxi f'daqqa. L-ilmentatur jghid li l-kaxxi ma kinux hfief izda meta l-ilmentatrici ssemmi x'kien fihom – oggetti tad-deheb u xi muniti - ma tatx l-impressjoni li kellha xi diffikultà biex iggorrhom.

Mix-xhieda tal-ilmentaturi, l-Arbitru ma jista' jsib l-ebda prova konkreta li t-tieni kaxxi giet iddepozitata. Dan ghaliex l-ilmentatrici: ma tiftakarx meta ezattament hadet il-kaxxa; issemmi diversi nies li kienu jahdmu l-Bank izda ma ssemmix lil min verament tat il-kaxxa.

Barra minn hekk, kif issottometta l-Bank,[13] kien hemm procedura stabbilita ghal min kien juza s-*Safe Custody Services* tal-Bank. Mal-istess kaxxa kien hemm dak li l-Bank kien isejjahlu *Safe Custody Agreement,* u dan il-ftehim isir kull darba li xi hadd jiddepozita fis-*Safe Custody.* Fil-fatt, jirrizulta li l-

[11] P. 32
[12] P. 33
[13] P. 38-39

ilmentaturi kienu iddepozitaw kaxxa mal-Bank fit-23 ta' April 1990, u din il-kaxxa kienet abbinata mas-*Safe Custody Agreement* b'referenza XXXX/XX. L-ilmentaturi kellhom dan l-*agreement* f'idejhom tant li esebewh waqt dan il-kaz.

Bhala procedura, il-Bank kien johrog ftehim ghal kull kaxxa li tigi depozitata u l-Bank isostni li, bhala impjegata tal-istess Bank, l-ilmentatrici suppost kienet taf b'din il-procedura; u anke kieku ma kinetx taf, peress li kienet tkun mall-kollegi, kif stqarret hi stess, setghet tistaqsi lilhom.

B'mod konklussiv, l-Arbitru jqis li l-ilmentaturi ma gabux prova konkreta li ddepozitaw it-tieni kaxxa. Dan billi lanqas biss jiftakru d-data ta' meta din il-kaxxa giet depozitata, u wisq anqas l-ilmentatrici ma tiftakar il-persuna li akkumpanjatha fil-*vaults* meta marret tiddepozita t-tieni kaxxa; u dan minkejja li qalet fix-xhieda taghha li din il-persuna kienet tahdem maghha u tghidilha '*Bongu*' kull filghodu u tiekol il-*lunch* maghha.

Barra minn hekk, l-ilmentatrici ma pprezentat l-ebda *Safe Custody Agreement* ghat-tieni kaxxa u, kif spjega l-Bank, l-ebda depozitu addizzjonali ma' jista' jsir. Huwa difficli hafna ghall-Arbitru li minghajr ebda prova konkreta jgieghel lill-Bank ihallas ta' xi haga li m'hemmx prova li kienet fil-pussess tieghu.

L-Arbitru jqis ukoll li galadarba l-ilmentatrici kienet digà iddepozitat l-ewwel kaxxa, kienet digà taf x'inhi l-procedura. Galadarba l-Bank kien mexa bil-procedura stabbilita fid-depozitu tal-ewwel kaxxa, ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex il-Bank ma jimxix bl-istess procedura fid-depozitu tal-allegata t-tieni kaxxa.

L-ilmentatrici tinsisti li l-kaxxa seraqilha xi hadd mill-i*staff* tal-Bank, però, wkoll ma ggib l-ebda prova dwar dan. Din hi allegazzjoni serja li trid prova konkreta u soda biex tirnexxi. L-Arbitru jhossha ftit stramba kif min allegatament seraq it-tieni kaxxa ma gietux it-tentazzjoni jiehu l-ewwel kaxxa wkoll galadarba kienu fl-istess *safe.*

**Decizjoni**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru ma jqisx li l-ilmentaturi gabu provi bizzejjed dwar l-allegat depozitu tat-tieni kaxxa u li verament din giet misruqa lilhom mill-Bank.**

**Ghalhekk ma jqisx li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u qed jichdu.**

**Minhabba n-novità tal-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**